# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' April 2001.**

**Numru 30**

**Citaz. numru 964/88 JF**

**Carmelo sive Charles Galea**

**vs**

**Albert Mizzi u Henry Coppini bhala diretturi ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Air Malta Company Limited u b'nota tal-1 ta' Gunju 1992 Joseph Tabone assuma l-atti tal-kawza minflok Albert Mizzi**

**Il-Qorti;**

**<u>L-ATT TAC-CITAZZJONI</u>**

L-attur ipproceda kontra s-socjeta' konvenuta Air Malta Company Limited bis-segwenti att tac-citazzjoni :-

> "L-attur ippremetta illi fis-16 ta' Novembru 1986 waqt li l-attur kien jahdem bhala impjegat tas-socjeta' konvenuta f'Hal-Luqa huwa safa vittma ta' incident fuq il-post tax-xoghol u korra u bhala konsegwenza huwa ghandu inkapacita' permanenti u danni ohra;

Premess li dan l-incident gara tort unikament tas-socjeta' konvenuta li ghalhekk din hija responsabbli ghad-danni li sofra u li jista' jsofri l-attur;

Talab li l-konvenuti nomine jghidu ghar-ragunijiet premessi ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :-

1. Tiddikjara lill-konvenuti nomine responsabbli ghall-incident li fih korra l-attur;

2. Tillikwida d-danni tant bhala "damnum emergens" u "lucrum cessans" sofferti mill-attur, jekk hemm bzonn anke b'opra ta' periti nominandi u

3. Tikkundanna lill-konvenuti nomine jhallsu lill-attur id-danni li jigu hekk likwidati.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-25 ta' Lulju 1988, kontra l-konvenuti."

**<u>ECCEZZJONIJIET</u>**

Il-konvenuti nomine eccepew ghat-talbiet attrici illi dawn kienu legalment insostenibbli billi ghall-incident li wassal ghall-griehi allegatament sofferti ma kienux direttament responsabbli huma. F'kull kaz u bla pregudizzju l-konvenuti nomine kkontestatw il-persentagg ta' disability pretiz mill-attur.

**<u>DECIDE</u>**

B'sentenza tat-22 ta' Settembru 1994, l-allura Qorti tal-Kummerc iddecidiet il-kawza billi filwaqt li rrespingiet l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine, laqghet it-talbiet kollha tal-attur b'dana li ghall-fini tat-tieni talba llikwidat l-ammont ta' Lm8,719, u ghalhekk ikkundannat lis-socjeta'

konvenuta li thallas dan l-ammont in lineja ta' danni lill-attur, flimkien mal-kap tal-ispejjez inkluzi dawk peritali.

**MOTIVAZZJONI TAS-SENTENZA APPELLATA**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha :-

> "Ikkunsidrat li l-kawza hija wahda ta' dani li qeghdin jigu reklamati mill-attur li allega li waqt li kien jahdem f'Hal-Luqa mas-socjeta' konvenuta huwa wegga' u bhala konsegwenza tal-incident li gara fis-16 ta' Novembru 1986 huwa ghandu u ghadu jsofri minn inkapacita' fizika ta' natural permanenti. Fil-fehma tal-espert mediku <u>ex parte</u> tali dizabilita' giet kalkolata f'percentwal ta' 18%, (ara Dok CD4 a fol. 147 tal-process rilaxxjat mill-ispecjalista kirurgu Carmel Apap Bologna).
>
> Illi l-incident, gara meta kien isir xoghol fuq il-parti ta' quddiem ta' ajruplan tas-socjeta' konvenuta u dak il-hin il-konvenut kien fuq sellum. Dan is-sellum ghal xi raguni mexa jew iccaqlaq u l-konvenut habat dahru man-"nose" tal-ajruplan. Il-konvenut allega li s-sellum kien difettuz u li huwa ma kienx jaghti ghas-sinistru. Is-socjeta' konvenuta cahdet li b'xi mod kellha htija ghal dak li gara.
>
> Fl-ewwel relazzjoni l-periti waslu ghall-konkluzzjoni (ara para 17 fol. 87 tal-process) li s-socjeta' konvenuta naqset mid-dover lit ara li l-post tax-xoghol ikun dejjem fi stat ta' sikurezza ghal min ikun qed jahdem fih. Aktar qabel fl-istess rapport (ara para 13 et seq – fol. 86) il-perit legali esprima li gej jigifieri li
>
>> "jirrizulta abbundantement illi l-incident <u>de quo</u> gara peress illi wahda mill-iskaluni tal-isteps kienet miksura ……… L-iskaluna in kwistjoni kienet maqlugha mill-gemb taghha ………….. Meta l-attur rifes l-iskaluna maqlugha minn gemb minnhom din immullat u tefghet lill-attur lura ghal dahru bil-konsegwenza li habat dahru mal-ajruplan."
>
> Wara li l-htija giet mitfugha unikament fuq is-socjeta' konvenuta, l-perit mediku kkostata id-dizabilita' permanenti sofferta mill-attur f'percentwal ta' ghaxra fil-mija (10%). Fuq bazi tal-ahhar salarju annwu u fuq "multiplier" mifrux fuq hajja lavorattiva ta' ghoxrin

sena (l-attur kellu 33 sena meta korra) u bi tnaqqis ta' 15% fuq is-somma globalment likwidata ghal "lump sum payment", il-periti llikwidaw id-danni ghall-ammont ta' Lm5,725.

Fuq talba tal-konvenut nomine gew mahturin tlett periti perizjuri, wiehed legali u tnejn medici. Il-perit legali addizzjonali ma qabilix li bhala bazi tas-salarju kellha tittiehed is-sena 1986 meta l-paga annwa kienet biss Lm3,678. Dan ghaliex fil-1990 wara awmenti ta' kull sena, l-paga annwa telghet ghas-somma ta' Lm5,449. Il-perit di fatti kiteb hekk (ara para 10 fol. 5 tar-rapport perizjuri, a fol. 195 tal-process,

> "mhux sew li tibni multiplier ta' 20 sena fuq l-ammont attwali li d-danneggjat kien jaqla' f'dik is-sena li korra, u dan ghaliex fuq medda ta' 20 sena trid issir 'allowance' ghall-inflazzjoni u zidiet fil-pagi. F'dan il-kaz partikolari iz-zidiet fid-dhul ta' l-attur fuq medda biss ta' hames snin jitkellmu wehidhom."

Il-periti medici qablu li percentwal ta' 10% kien wiehed gust u jirrispekkja dak li sofra l-attur u ghalhekk f'dan ir-rigward qablu mal-ewwel espert mediku mahtur mill-Qorti. Il-perit legali ma qabilx li s-somma ppercepita mill-attur mid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali kellha titnaqqas mill-ammont likwidat. Fuq kalkolu mifurx fuq ghoxrin sena b'ghaxra fil-mija dizabilita' u bi tnaqqis ta' 15% pero' kalkolati fuq salarju annwu ta' Lm5,449 is-somma dovuta giet riveduta u awmentata u issa giet likwidata ghall-ammont ta' Lm9,263 (disat elef mitejn u tlieta u sittin lira Maltin).

Illi f'nota ta' kritika elaborata l-konvenut nomine, permezz tal-avukat tieghu qanqal diversi punti ta' ligi u ta' fatt fejn anke ta;ab l-isfilz tal-perizja addizzjonali ghar-raguni li l-periti medici ma kienux certi jekk issomministrawx il-gurament lill-attur meta dan gie sottopost ghal ezami mediku minn naha taghhom. Il-konvenut nomine sahaq ukoll fuq il-fatt li t-talba ghall-periti addizzjonali saret ad istanza tieghu u kienet ghall-hatra ta' periti medici u ghalhekk, jissottometti, ma kienx il-kaz li tigi mistharrga l-parti tar-rapport dwar il-likwidazzjoni tad-danni. Imbaghad fl-istess nota, il-konvenut nomine rega' ghamel sensiela twila ta' sottomissjonijiet dwar ir-responsabbilita' – li naturalment ma hassx li ghandu jaghmilhom quddiem il-perit legali perizjuri billi kien tal-fehma li r-rapport addizzjonali kellu jkun limitat u cirkoskritt ghall-aspetti medici tal-kaz biss u xejn aktar.

Il-Qorti dwar responsabbilita' jidhrilha li dak li gie konkluz fil-bidunett fl-ewwel relazzjoni kien gust u korrett. Kienet is-socjeta' konvenuta li fil-kors tax-xoghol fornit ghodda, f'dan il-kaz sellum,

li kien manifestament difettuz. L-incident sehh ghar-ragunijiet moghtijin mill-ewwel espert legali is-sens li wahda mill-iskaluni cediet bil-haddiem fuqha, s-sellum iccaqlaq u gara l-incident. Billi l-attur jghid li huwa ma hass xejn anormali huwa u tiela' fuq dan is-sellum ma jfissirx allura li kien jahti hu ghal dak li gara sussegwentement. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti, hemm provi sufficjenti biex juru li r-responsabbilita' unika ghas-sinistru kienet tas-socjeta' konvenuta li agixxiet skorrettament u b'mod negligenti versu wiehed mill-impjegati taghha, u ghalhekk ghandha twiegeb hi ghad-danni li gew kagjonati. Lanqas jidher li kien hemm xi kontributorjeta' da parti tal-attur. Ma kien hemm xejn x'jindika li dan is-sellum ma kellux jintuza mill-haddiema ghax ma kienx servibbli, anzi kien serjament difettuz. Il-htija ghal din in-negligenza certament m'ghandhiex tinxtehet fuq l-attur. Il-konvenut nomine m'ghandux jigi mehlus mir-responsabbilita' billi jinghad, kif issottometta hu fin-nota tieghu, li s-sellum ingieb mill-attur minn "post imdallam" jew ghax "kien hu li uza l-isteps biex tela' fuq il-platform tieghu" jew ghax irriskontra li kien difettuz meta wzah. Ebda wahda mill-argomenti avvanzati mill-konvenut nomine "in proprio discolpa" hija valida u effikaci. L-attur ma qabadx, nghidu ahna, siggu u waqa' bih. Kien fuq xoghol ta' natura partikolari billi kien jinvolvi xoghol fuq ajruplan tal-passiggieri, ghamel uzu minn sellum u bla ma kellu ebda tort waqa' u korra ghar-ragunijiet gja moghtija.

Dwar it-tieni rapport, il-Qorti ghandha tirrileva li ghalkemm perizja addizzjonali ssir wara talba tal-parti 'l wahda jew 'l ohra, l-Qorti mhix marbuta li bilfors tilqa' t-talba kif maghmulha. Id-diskrezzjoni hija taghha. Ghalhekk, meta f'dan il-kaz hija appuntat zewg periti medici kif ukoll espet legali, dan ghamlitu ghax hasset il-htiega li jigi mistharreg il-kaz kollu interament minghajr limiti. Fil-fatt, ghalkemm il-konvenut nomine donnu ried jaghti x'jifhem sal-mument li talab il-hatra taz-zewg esperti medici li ma kellu xejn x'jghid dwar ir-responsabbilita, ma kienx hekk il-kaz. Dan jidher bic-car bis-sottomissjonijiet tieghu ulterjuri in iskritt fejn sahaq illi s-socjeta' konvenuta ma kienitx tahti ghall-inident. Ghalhekk, il-periti addizzjonali, u in partikolari l-espert legali kien intitolat li jidhol ukoll fil-kwistjoni dwar il-likwidazzjoni tad-danni.

Il-konvenut nomine qanqal punt iehor dwar li ma nghatax gurament lill-attur mill-esperti medici. Jinghad li l-esperti in kwistjoni lanqas ma qalu fic-cert jekk tawx gurament jew le lill-attur qabel ezaminawh. Minbarra dan ir-rapport mediku taghhom jidher li kien maggorment imsejjes fuq l-apetti klinici tad-dizabilita' aktar milli fuq ix-xhieda li setghet saret mill-pazjent. Oltre dan, jidher li l-esperti medici addizzjonali ma hassewx li kien il-kaz li jvarjaw dak li kien gie kkostatat mill-ewwel espert mediku

gudizzjarju. Fil-fatt il-percentwal ta' dizabilita' thalla l-isterss, jigifieri ghaxra fil-mija.

L-unika varjazzjoni ta' riljev ghalhekk tidher illi kienet il-likwidazzjoni riveduta fit-tieni rapport li prattikament kwazi rduppjat il-quantum tad-danni. Il-Qorti tibda biex tosserva li mhux legalment korrett li wiehed jattakka jew jiskarta rapport sempliciment minhabba l-fatt li d-danni jkunu jidhru sostanzjali. Il-kriterju veru ghandu jkun dak jekk tali likwidazzjoni hijiex wahda gusta jonkella le.

Illi kif tajjeb issottometta l-espert leagli fit-tieni rapport, meta ntwera li f'hames snin il-paga annwa kienet gja' telghet ghal Lm5,449 – allura mhux gust li l-bazi salarjali "futura" titqies fuq dak li kienet fis-sena 1986 meta korra l-attur. Huwa gust ukoll li ma titnaqqasx is-somma percepita mill-attur ta' Lm528.00 moghtija lilu mid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali. Ghaliha kkontribwixxa minn flusu wkoll l-atturu fiha ma tidhol xejn is-socjeta' konvenuta riferibbilment ghall-hlas ta' beneficcji dovuti skond din l-iskema. Huwa rapport dan bejn il-haddiem u l-Gvern. Fejn ma taqbilx biss il-Qorti huwa dwar tnaqqis tal-"lump sum payment". Fic-cirkostanzi thoss li tnaqqis ta' ghoxrin fil-mija (20%) huwa aktar ragonevoli. Dan mela jfisser li fl-ahharnett il-quantum tad-danni dovuti bhala lucrum cessans ghandu jkun kif ser jinghad :-

| | | |
|---|---|---|
| 10% ta' Lm5449 x 20 | = | Lm10,898 |
| Tnaqqis ta' 20% | | 2,179 |
| | | Lm 8,719 |

(tmint elef seba' mija u dsatax-il lira Maltija).

Ebda ammont mhu dovut bhala "damnum emerges"."

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

Minn din il-kawza appellaw is-socjeta' konvenuta principalment u l-attur incidentalment. L-appell tas-socjeta' konvenuta jinvesti kemm il-kwistjoni ta' responsabbilita' kif ukoll id-danni likwidati filwaqt li l-appell tal-attur hu fir-rigward tal-quantum ta' dawn id-danni.

**L-APPELL PRINCIPALI**

L-ewwel gravam tas-socjeta' konvenuta jirrigwarda l-kwistjoni tar-responsabbilita'. Is-socjeta' appellanti ssostni illi kuntrarjament ghal dak sottomess mill-perit legali u accettat mill-ewwel Qorti, kienu jezistu certament elementi ta' prova li ma kienux ghal kollox cari dwar kif avvera ruhu l-incident.

Is-socjeta' konvenuta tipprova tixhet dubbji fuq l-allegazzjoni tal-attur illi l-isteps li kien fuqu waqt li kien qieghed jahdem fuq l-ajruplan kien difettuz u tipprova tissuggerixxi illi l-incident gara ghaliex l-istess attur kien dizattent u zelaq waqt li kien niezel l-iskaluni b'lura. Dan l-aggraju hu ghal pero' ghal kollox nieqes mill-konvinzjoni. Certament ghaliex il-fatti kif rizultaw quddiem l-ewwel Qorti u kif apprezzati mill-ewwel perit legali ma jhallu l-ebda dubju mhux biss illi l-isteps kienu bil-hsara imma wkoll dan il-fatt kien accettat mill-istess socjeta' appellanti. Infatti Stephen Grech, Supervisor tas-socjeta' konvenuta, li taht ir-responsabbilita' tieghu kien jaqa' l-attur, jikkonferma li wara l-incident kien osserva l-isteps imkissra. "L-istep marret mill-welding cioe' bejn il-hollow section u l-upright ……. Nista' nghid li s'issa ghad m'hemmx sistema sabiex jigu perjodikalment iccekkjati dawn it-turgien pero' naf li qed jahsbu sabiex ikun hemm din is-sistema. Incidenti fis-sens illi l-isteps jimxu jkun hemm hafna." Konsidrat illi meta tela' l-isteps l-attur

ma kellux diffikulta', din ix-xhieda bilfors tfisser illi t-targa cediet fil-mument meta l-attur kien qed jirfisha waqt li kien niezel dawn it-turgien.

Din ix-xhieda wehidha - hemm ukoll provi ohra li kkoroboraw dawn il-fatti – kienet bizzejjed biex ir-responsabbilita' ghall-akkadut tigi addebitata mis-socjeta' konvenuta in kwantu din kienet naqset biex tassigura kondizzjonijiet siguri li fihom kellhom jahdmu l-impjegati taghha.  Dan ukoll ghaliex ma jirrizultax illi l-hsara fl-isteps kienet dovuta ghal xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tas-socjeta' konvenuta.  Din il-Qorti fil-fatt osservat il-prova li rrizultat fl-atti li ma jidher li hemm hadd responsabbli mill-inginerija dwar il-kondizzjoni tal-apparat jew equipment li jkunu qed juzaw l-impjegati tas-socjeta' konvenuta almenu hekk jidher li kienet is-sitwazzjoni dak iz-zmien. Jidher li l-policy kienet li l-persuna li tkun qed tuza l-apparat kellha hi tattika l-attenzjoni tal-awtoritajiet dwar xi hsarat li kien hemm. Sitwazzjoni din ghal kollox inaccettabbli fil-kaz ta' good employer li kien mistenni li jkollu "a safe work enviornment" ghall-impjegati tieghu.

Gustament allura l-ewwel espert legali nominat mill-ewwel Qorti kkonkluda illi kienet ir-responsabbilita' tas-socjeta' konvenuta li tipprovdi lill-impjegati taghha b'attrezzi f'kondizzjoni tajba li ma jkunux il-kagun ghall-incidenti bhal dak mertu tal-kawza taht ezami.  Kien l-obbligu ta' kull min ihaddem illi perjodikament jivverifika l-kondizzjoni tal-attrezzi u l-makkinarju tax-xoghol li bih l-impjegati jkunu mistennija li jahdmu u

dana b'mod kompetenti minn persuni kwalifikati. In-nuqqas ta' min ihaddem f'dan ir-rigward jirrendih responsabbli ghall-incidenti li setghu jigru minhabba traskuragni u negligenza tieghu li jassigura li l-impjegati li jhaddem joperaw f'ambjent li wiehed ragjonevolment kellu jqis li hu sikur. Il-manutenzjoni tal-ghodda u tal-apparat ta' xoghol ma setghatx tigi mhollija ghall-eventwalita' li jsehh xi incident sfortunat. Kellha tkun politika rikonoxxuta ta' min ihaddem illi regolarment u b'kompetenza jaghmel dak li hu mehtieg, biex sa fejn kien ragjonevolment possibbli, l-ghodda li bihom il-haddiem kien mistenni jahdem – u dana fis-sens wiesa' tal-kelma – ikunu idoneji, adegwati u sewwa protetti min kull riskju. L-insenjament fil-kawza fl-ismijiet "John Sultana vs Francis Spiteri et nomine" deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-28 ta' Mejju 1979 fost ohrajn illi min ihaddem kellu d-dover li jara li l-post tax-xoghol ikun dejjem fi stat ragjonevoli ta' sikurezza ghal min ikun qed jahdem hu wiehed li kellu jigi segwit u applikat f'kawzi tax-xorta taht ezami.

Mill-banda l-ohra, din il-Qorti ma tara xejn fil-provi li jista' b'xi mod jaddebita responsabbilita' jew kontributorjeta lill-attur ghal dak li gara. Ma hu allegat minn hadd u ma jirrizulta bl-ebda mod mill-provi illi l-attur ma kienx qieghed jutilizza t-turgien in kwistjoni bil-mod kif wiehed jistenna li kellu jintuza. Ma kien hemm xejn x'jindika illi bl-agir tieghu l-attur b'xi mod ipprovoka l-kollass tal-iskaluna li bhala konsegwenza taghha hu waqa' u wegga'. Din il-Qorti ma taghtix wisq piz lic-cirkostanza illi fl-accident report ma jirrizultax il-fatt tal-hsara fl-iskaluna.

Dana mhux biss ghaliex hu ovvju illi dan il-fatt gie stabbilit wara debita verifika li mhux bilfors saret immedjatament wara l-incident imma wkoll ghaliex f'cirkustanzi bhal dawn taht ezami wiehed ma jeskludix li ma jkunx hemm wisq xi jhajjar lil min kellu l-obbligu li jirredigi rapporti ta' x'gara illi jistabbilixxi fatti li jew jaddebitawlu, anke indirettament xi responsabbilita' ghal dak li gara jew li jakkollaw l-istess responsabbilita' lis-socjeta' li thaddmu.

Ghal din il-Qorti dak li hu importanti huma l-fatti kif jirrizultaw provati quddiemha. Fatti dawn li ma jhallux wisq spazju ghall-kontestazzjoni dwar ir-responsabbilita' ghal dak li gara. Una volta dak li sehh ma setax jigi addebitat minn xi negligenza, traskuragni jew imprudenza da parti tal-appellat u lanqas seta' jigi addebitat ghal xi "actus dei" jew forza magguri, l-konkluzzjoni inevitabbli kellha tkun illi r-responsabbilita' a sinistru kellha tkun kollha akkolata fuq is-socjeta' konvenuta li kellha l-obbligu li tassigura s-sigurezza tat-tarag li kien qieghed u kellu juza l-appellat fil-kors normali tad-doveri u tax-xoghol tieghu. L-aggravju rigward ghad-dikjarazzjoni ta' responsabbilita' qed jigi ghalhekk respint.

**<u>IL-LIKWIDAZZJONI TAD-DANNI</u>**

**<u>IR-RELAZZJONIJIET PERITALI</u>**

Dan l-aggravju jolqot mhux biss l-appell principali tas-socjeta' konvenuta appellanti imma wkoll l-aggravju tal-attur fl-appell incidentali. Iz-zewg aspetti ta' dan l-ilment ser jigu trattati kontestwalment. Is-socjeta' appellanti ghandha qabel xejn l-aggravju fir-rigward tal-konsiderazzjonijiet fis-sentenza appellata dwar il-valur li kellu jinghata lir-rapport tal-perit perizjuri. Hi tikkontesta qabel xejn il-konsiderazzjoni illi nonostante li l-Qorti tkun accettat talba ta' xi parti ghan-nomina ta' periti addizzjonali hi ma kienitx bilfors marbuta li tilqa' dik it-talba kif maghmula u li l-Qorti kellha d-diskrezzjoni li tiddetermina hi l-kompozizzjoni tal-perizja.

Is-socjeta' appellanti ssostni illi l-Qorti kienet marbuta bit-talba tal-proponent una volta tilqghahha. La tista' tnaqqas u lanqas izzid maghha. Kieku dan kellu jigi tollerat, il-Qorti tkun qed tezorbita mill-isfera guridika taghha billi l-kawza mhix taghha izda tal-partijiet fil-lite. Din il-Qorti ma tistax taqbel mat-termini assolutisti li fihom hu redatt dan l-aggravju. Il-principju generali kellu jkun illi l-hatra ta' perit jew periti ordnata fuq talba tal-partijiet jew ta' wahda minnhom jew <u>inkella mill-Qorti min jeddha</u> (regolata mis-sub titolu IV ta' l-ewwel titolu tat-tielet ktieb tal-Kap. 12 (l-artikolu 644)) issir u kienet intiza biss bhala mezz ta' prova. Il-principju l-iehor li jirregola l-materja kien illi l-Qorti fil-kondotta tal-procedura quddiemha kellha, fil-parametri tar-regoli stabbiliti fil-kodici ta' procedura, l-poter li tirregola l-gbir tal-provi inkluz il-poter li tezigi li tigi prodotta prova mehtiega ghall-formazzjoni tal-gudizzju gust

taghha. Dan ifisser li filwaqt illi hu minnu li l-ligi tipprovdi ghall-mod kif kellhom jigu mahtura l-periti kemm fl-ewwel lok kif ukoll bhala periti addizzjonali u kienet taghti lill-partijiet debita konsiderazzjoni f'rwol determinanti fir-rigward tal-hatra taghhom, l-istess ligi kienet thalli f'idejn il-Qorti li tahtar perit biex, fid-digriet taghha, tfisser l-iskop tal-perizja u taghti direzzjonijiet sabiex l-istess perit jaghraf jimxi fl-ezekuzzjoni tad-dmirijiet tieghu. L-iskop tal-perizja kellu naturalment jirrifletti wkoll it-talba tal-partijiet jew ta' wahda minnhom jew tal-istess Qorti fir-rigward tal-prova li kien jehtieg li ssir bil-mezz tal-perit. Jidher li l-ligi timponi biss fuq il-Qorti illi fejn il-partijiet jiftehmu li jipproponu l-isem ta' perit kemm originali kif ukoll addizzjonali, din il-Qorti kellha tahtar lil dan l-espert (artikolu 646 u artikolu 678).

Interessanti d-dicitura tas-sub inciz 1 tal-artikolu 674 li jaqra hekk :- "Il-Qorti b'talba ta' parti jew ohra tista' tghaddi ghall-hatra ta' periti addizzjonali li ghandhom jaghmlu r-rapport taghhom hekk kif jaslu ghad-decizjoni fuq il-perizja. Is-subinciz 1 ta' artikolu 678 imbaghad jipprovdi li l-hatra tal-periti addizzjonali <u>jkun kemm ikun in-numru taghhom issir mill-Qorti</u> jekk il-partijiet ma jiftehmux fuq il-periti li jkollhom jinhatru. Dan ifisser li filwaqt li din il-Qorti taqbel ma' dak li gie minha ritenut antecedentement illi "ma kienitx fondata, fl-assolutezza taghha, il-generalizazzjoni illi l-poter tal-parti illi tinnomina periti addizzjonali jew li jirrigwarda l-ordinament tal-provi hu mholli fid-diskrezzjoni llimitata tal-ewwel Qorti" in kwantu jidher li l-ligi targina l-

poter tal-Qorti entro certi limiti, d-disposizzjonijiet appena citati indubjament ihallu f'idejn il-Qorti certa latitudni kemm fir-rigward tal-hatra ta' periti addizzjonali – infatti l-artikolu 674 (1) jghid lill-Qorti tista' u mhux ghandha – kif ukoll fid-definizzjoni tal-iskop li ghalihom l-istess periti jkunu gew mahtura, b'dan li pero' l-Qorti marbuta illi tahtar il-periti li dwarhom ikunu ftehmu l-partijiet u setghet timponi l-ghazla taghha biss f'kaz li ma jiftehmux. Interessanti wkoll illi ma jidhirx li hemm limiti fin-numru ta' periti addizzjonali. Infatti s-sub inciz 1 tal-artikolu 678 jitkellem dwar il-hatra ta' periti addizzjonali "jkun kemm ikun in-numru taghhom" u anke f'dan il-Qorti ghandha wkoll certa diskrezzjoni.

Dan kollu qed jinghad biex jigi llustrat illi ma kienitx korretta s-sottomissjoni tal-appellant nomine illi idejn il-Qorti kienu ghal kollox u f'kull sens marbuta in materja ta' hatra ta' periti addizzjonali. Il-principju guridiku li jiggustifika n-nomina ta' periti kellu dejjem ikun il-htiega li tingieb prova ta' natura teknika li permezz taghha jigu stabbiliti l-fatti rilevanti. Hu ghalhekk li l-Qorti tinghata bil-ligi d-dritt li sua sponte tordna li tali prova ssir permezz ta' periti nominandi u dana anke fl-oppozizzjoni tal-kontendenti. Id-disposizzjonijiet ta' dan is-sub titolu IV tat-titolu 1 tat-tielet ktieb ma kellhomx allura jinqraw b'mod illi jxekklu r-ricerka tal-verita billi jimpedixxu lill-Qorti milli tottjeni l-prova teknika mehtiega biex tifforma sewwa l-gudizzju taghha. Naturalment dejjem bir-rispett fil-limiti tal-poteri tracjati fid-disposizzjonijiet appena citati u ohrajn. Kien ghalhekk li anke hawn dawn l-istess disposizzjonijiet, kif

sewwa moqrija, jhallu f'idejn il-gudizzju ghaqli tal-gudikant certa diskrezzjoni u latitudni fir-regolament tal-provi u dan fl-ahjar interess ghall-gustizzja.  Kien ghalhekk ukoll illi l-ligi finalment, konxja mill-obbligu tal-gudikant illi jiddeciedi b'gustizzja skond l-apprezzament tieghu tal-provi prodotti inkluza dik teknika, tiddisponi illi l-Qorti ma kienitx marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet tar-rapporti tal-periti kontra l-konvinzjoni taghha nnifisha (artikolu 681).

Anke hawn allura jehtieg li jinholoq bilanc gust u dan mhux biss mill-partijiet imma wkoll mill-istess Qorti bejn zewg tejoriji estremi dik li l-kawza ma kienitx tal-Qorti imma unikament tal-partijiet fil-lite u kien allura huma u huma biss li kellhom il-jedd li jikkonducu l-andament taghha anke fir-rigward tal-produzzjoni tax-xhieda u t-tejorija l-ohra li dan il-jedd kien jispetta biss li l-Qorti u li l-partijiet biss kellhom jissokkombu ghad-direttivi taghha. Anke f'dan ir-regoli tal-procedura, waqt li kellhom jigu sewwa osservati ghax igibu l-ordni fil-process gudizzjarju, kellhom dejjem u f'kull hin jigu applikati u nterpretati fl-interess tal-gustizzja sostanzjali.  F'dan il-kuntest allura jinghad illi l-eccezzjoni sollevata in sede ta' appell dwar in-nullita' tal-perizja perizjuri hija insostennibbli ghaliex f'kull kaz tali eccezjoni kellha tigi sollevata u sostnuta quddiem l-ewwel Qorti.  Eccezzjoni ta' din ix-xorta ma jidhirx li giet formalment sollevata quddiem l-ewwel Qorti u mhux konsentit lill-konvenut appellant li jissollevaha din l-istanza.

Gravam iehor tal-appellant nomine hu fis-sens illi una volta t-talba ghall-periti addizzjonali minnu maghmula kienet limitata ghall-aspett mediku tal-kaz, l-istess periti addizzjonali ma kellhomx jinvestu wkoll l-aspett tal-likwidazzjoni tad-danni li kienet tezorbita minn dawn it-termini stretti ta' riferenza. Ghall-precizjoni pero' sewwa jinghad :-

(a) Illi filwaqt li t-talba kienet verament riferibbli ghall-aspett mediku konsidrat li finalment kienet il-Qorti li tiddetermina l-iskop tal-perizja addizzjonali ma jidher li kien hemm l-ebda limitazzjoni fl-inkarigu moghti lill-istess periti addizzjonali meta dawn gew mahtura mill-Qorti. Inoltre lanqas hu korrett dak li jghidu l-periti addizzjonali fir-relazzjoni taghhom illi ma jidhirx illi l-ammont ta' danni likwidati mill-ewwel perit ma kien gie kontestat la minn naha u lanqas minn ohra. Il-fatt li parti ma titlobx ghan-nomina ta' periti addizzjonali bl-ebda mod ma jfisser illi kienet qed tikkondividi l-konkluzjonijiet tal-ewwel perit. Ma kien hemm xejn x'jostakolu lill-partijiet li direttament jikkontestaw rapport peritali quddiem il-Qorti minghajr ma jirrikorru ghat-talba biex jigu nominati periti addizzjonali. Gust li jinghad illi l-attur quddiem l-ewwel Qorti ipprezenta nota ta' osservazzjonijiet li fiha hu kien serjament jikkontesta l-likwidazzjoni tad-danni maghmula mill-periti gudizzjarji, kontestazzjoni li effettivament l-appellat isostni fl-appell incidentali tieghu. Jinghad ukoll li mill-konsiderandi tas-sentenza appellata ma jidhirx li l-ewwel Qorti sempliciment strahet fuq il-fehma tal-periti addizzjonali f'dan ir-rigward. Ghall-kuntrarju hi ezaminat sewwa r-rakkomandazzjonijiet

taghhom, elaborathom u waslet ghall-konkluzjoni li fil-fehma taghha kienet tirrapprezenta likwidazzjoni gusta ghad-dizabilita' permanenti riskontrata bhala konsegwenza tal-incident mertu tal-kawza.

Apparti l-punt tad-dritt fuq enuncjat illi l-Qorti ma kienitx obbligata li tadotta l-opinjoni peritali lilu sottomessa, din il-Qorti ma tarax x'ostakolu kellu jkun hemm fis-sottomissjonijiet lilha ta' opinjonijiet teknici li fl-ahhar mill-ahhar setghu biss jghinuha biex tasal ghall-apprezzament gust tac-cirkostanzi kollha tal-kaz biex sewwa tiddeciedi l-mertu quddiemha. In ultima analizi l-ewwel Qorti setghet, bla diffikulta', tasal ghall-istess konkluzjoni li waslet ghaliha irrispettivament minn dak lilha sottomess mill-periti addizzjonali rigward il-likwidazzjoni tad-danni u konsegwentement dik l-opinjoni teknika, ghalkemm indubjament setghet kienet ta' ghajnuna lill-Qorti, ma jistax jinghad li necessarjament kienet tikkostitwixxi <u>prova determinanti</u> ghall-ezitu finali.

L-ahhar pregudizzjali tas-socjeta' appellanti f'dan il-kuntest hu illi l-periti addizzjonali kienu naqsu li jaghtu gurament lill-attur qabel irredigew ir-rapport taghhom specjalment mil-lat mediku u dan in-nuqqas kien iwassal ghan-nullita' tar-relazzjoni addizzjonali li kellha allura tigi sfilzata. Din il-Qorti ezaminat ir-relazzjoni tal-periti medici addizzjonali, konsulenti mill-aktar kwalifikati in materia. Jirrizulta b'mod l-aktar car illi l-konkluzjonijiet taghhom ma kienux ibbazati fuq dak li qallhom l-attur appellat imma fuq l-ezamijiet klinici akkurati li huma ghamlu fosthom

ritratti tad-dahar u ndikazzjonijiet fisjologici ohra. Il-konkluzjoni ta' dawn il-periti addizzjonali medici fir-rigward tad-dizabilita' permanenti riskontrata ma tvarjax minn dik tal-ewwel perit mediku u din il-konkordanza naturalmet tillimita favur il-percentwali hekk unanimament stabbilita.

Mill-banda l-ohra l-aggravju tal-appellant nomine seta' kellu sostanza u kien ikun jimmerita li jigi milqugh li kieku r-relazzjoni peritali kienet b'xi mod marbuta ma' jew tiddependi minn xi fatti jew allegazzjonijiet rakkontati mill-appellat lill-esperti medici mhux taht gurament. Fl-eventwalita' simili kienu jsiru wkoll rilevanti konsiderazzjonijiet ta' dritt relattivament ghal smiegh xieraq fosthom dawk li x-xhud jiddeponi taht il-kontroll tal-kontro-parti fir-rispett tal-principju "audi alteram partem". Hu fil-fatt iktar hawn li din il-Qorti kienet kieku allura tirraviza rregolarita' milli fis-semplici fatt illi d-depozizzjoni ma tkunx ittiehdet bil-gurament. L-ghoti tal-gurament kien biss mezz li bih il-ligi tipprova taccerta l-veracita' tax-xhud fis-sistema gudizzjarju nostran izda mhux element kostituttiv biex jassigura d-dritt fondamentali tas-smiegh xieraq. Dan il-gravam qed jigi ghalhekk ukoll respint.

**<u>IL-LIKWIDAZZJONI TAD-DANNI FL-APPELL PRINCIPALI U FL-APPELL INCIDENTALI</u>**

Jonqos biss li din il-Qorti tikkonsidra l-aggravju tal-partijiet dwar il-likwidazzjoni tad-danni. Is-socjeta' appellanti tissottometti illi l-metodu gust u prattiku f'kazijiet inkapaciti kien dak li jitqies kemm mill-qliegh ikun naqas konsidrati wkoll il-prospettivi li d-danneggjat kellu u dawk il-possibbli kontingenzi li setghu jinfluwixxu fuq il-qliegh. Minn din il-premessa l-appellant jikkonkludi li, una volta l-attur fil-kaz taht ezami mhux biss ma sofriex dimunizzjoni fis-salarju tieghu izda sahansitra kellu titjib sostanzjali, ma jidhirx li kien hemm lok ghal likwidazzjoni ta' danni. Dan ghaliex l-attur in effetti ma ressaq l-ebda prova illi fil-paragun ma' shabu fl-istess kategorija huwa kien f'qaghda peggjuri minnhom bhala konsegwenza tal-incident li fih sofra d-debilita' permanenti. Dan l-aggravju gie diversi drabi konsidrat minn dawn il-Qrati f'gurisprudenza kostanti. Hu ormai stabbilit illi s-sottomissjonijiet ta' din ix-xorta ma kellhom l-ebda bazi guridika. Jekk xejn ghaliex jispostaw il-kwistjoni tal-likwidazzjoni tad-danni mill-effetti materjali u diretti tal-hsara li l-persuna tkun sofriet bhala konsegwenza tal-incident ghac-cirkostanzi materjali ta' kif id-danneggjat isib ruhu, anke fil-futur, imma li kienu estraneji ghall-istess incident u ndipendenti minnu.

Il-Qorti kellha necessarjament tillimita l-konsiderazzjoni taghha ghall-kwantifikazzjoni tad-danni attwalment sofferti mid-danneggjat bhala rizultat dirett tal-incident kif ukoll ghal dawk id-danni kollha konsegwenzjali li kien ser isofri bhala konsegwenza tad-debilta permanenti li necessarjament tincidi fost hwejjeg ohra fuq il-kapacita'

lavorattiva tieghu. Dana mhux biss attwalment fic-cirkustanzi tax-xoghol fejn kien jahdem l-attur imma wkoll potenzjalment f'kull attivita' ohra lavorattiva ghalih miftuha. L-aggravju tas-socjeta' appellanti fil-likwidazzjoni tad-danni allura, fil-limiti kif impostat fir-rikors tal-appell, qed jigi respint.

**L-APPELL INCIDENTALI**

L-attur appellant ukoll appella incidentalment fuq dan il-kaz. Din il-Qorti qieset is-sottomissjonijiet tieghu fir-rigward tal-kriterji li bihom l-ewwel Qorti llikwidat l-ammont dovut f'lucrum cessans. Issib li dawn is-sottomissjonijiet m'humiex validi ghaliex din il-Qorti tifhem illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament gust tac-cirkustanzi kollha tal-kaz li ghalih applikat il-gurisprudenza stabbilita in materja. Issib biss l-appell tal-attur fondat fir-rigward tat-tnaqqis ta' ghoxrin fil-mija li l-ewwel Qorti ghamlet minhabba li l-ammont likwidat kien ser jithallas b'salt. Din il-Qorti hi tal-fehma illi konsidrat li l-incident gara ormai hmistax-il sena ilu u l-likwidazzjoni dovuta ghadha ma gietx effettivament determinata u mhallsa ma kienx il-kaz li jsir tnaqqis ta' dan il-persentagg. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel riferenza inter alia ghal zewg sentenzi tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, wahda fl-ismijiet "Anthony Callus vs George Grixti" deciza fl-4 ta'Gunju 1992 u l-ohra fl-ismijiet "George Borg vs Carmelo Gatt" deciza fid-29 ta' April 1994. Din il-Qorti taqbel mal-principju illi f'kazijiet fejn il-likwidazzjoni gudizzjarja ddum ma tigi

definita ghall-bosta snin wiehed ma setax jikkonsidra l-pagament bhala “lump sum payment”. Kellu ghall-kuntrarju jikkonsirah bhala pagament tardiv li ghalih id-danneggjat ma kellux jigi indebitament penalizzat. Tnaqqis ta’ ghoxrin fil-mija fl-ammont ta’ Lm2179 maghmul mill-ewwel Qorti li qed jigi ghalhekk eliminat b’mod illi din il-Qorti qed tiddetermina l-ammont ta’ danni pagabbli mis-socjeta’ appellanti lill-appellat fis-somma shiha ta’ Lm10898. Dana dejjem f’lucrum cessans billi kif hu stabbilit fl-ebda danum emergens ma kien qed jigi reklamat. F’dan is-sens is-sentenza appellata qed tigi allura riformata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appelli kif gej :-

Tichad l-appell principali tas-socjeta’ konvenuta appellanti bl-ispejjez kontra taghha. Tilqa’ l-appell incidentali limitatament ghat-tnaqqis ta’ ghoxrin fil-mija tad-danni likwidati maghmul fis-sentenza appellata u konsegwentement tiddetermina l-ammont ta’ danni likwidati favur l-attur bhala konsegwenza tal-incident mertu fil-kawza fis-somma ta’ Lm10,898. Konsegwentement tikkundanna lill-istess socjeta’ appellanti biex thallas lill-attur appellat din is-somma li qed tigi hekk likwidata. F’dan is-sens is-sentenza appellata qed tigi riformata u ghall-kumplament l-istess sentenza qed tigi konfermata. L-ispejjez tal-appell incidentali kellhom jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti u dana peress illi parti biss mill-aggravju tal-attur appellat qed jigi milqugh. L-ispejjez tal-prima’istanza kellhom jibqghu kif gja’ decizi fis-sentenza appellata.

L-imghax fuq l-ammont likwidat kellu jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza tal-ewwel Qorti u cioe' mit-22 ta' Settembru 1994.

Dep/Reg

mg